


FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

[Nr]u. 161 | JANNAR 1953 | Nru. 161


# It-Triq tal-Ħajja - A.D. 1953 -


*DR. CARMELO CARUANA, B.A., LL.D., M.L.A.*
*Ministru tal-Posta u Biedja*


**SENA oħra qdiemet u mietet. Dħalna f'sena ġdida ta' taħbit, ta' dmirijiet, ta' taqbid, ta' tama! Ħalli flimkien ninxteħtu għarkubbtejna sabiex bit-talb tagħna naqilgħu l-barka u s-sliem li jagħtuna l-għajnuna fil-ġlieda tal-ħajja li għandna quddiemna.**

Kien x'kien it-tweghir li ġarrabna ma' tul is-sena li mietet ħalli naqbdu sponża miblula bl-ilma u nħassru kull għelt li seta' trabba fuq il-lavanja ta' qalbna. Maħfra, ħsebijiet tajba u mħabba lejn għajrna jiftħuina triq ta' tieba biex nistgħu nirnexxu u nitilgħu bis-sliema l-għolja wieqfa li rridu negħlbu fit-triq tal-ħajja.

Is-sena li daħlet fuqna tista' tkun l-aħħar sena ta' ħajjitna, iżda sakemm aħna għadna ħajjin jeħtieġ li ngħixu u nirbħu n-nuqqasijiet ta' ikel li qegħdin iheddu lid-dinja u li huma meħtieġa għal dan l-għixien. Ulied l-art huma dawk il-maħluqin ewlenija, jinsabu f'liema nħawi tad dinja jinsabu, li jridu jagħtu lill-maħluqin ħuthom dak l-ikel li jinħtieġu, u, it-tama li għexu dejjem fiha l-bdiewa, tagħtihom żgur dik il-ħeġġa u ħerqa biex jieħdu mill-art ħanina l-għelejjel li għandu bżonn il-bniedem.

Il-bdiewa, li sa ftit żmien ilu kienu waslu biex jintesew bħala maħluqin imwarrba, jinsabu resqin mill-ġdid sabiex ikunu magħrufa bħala s-sisien ewlenija ta' l-umanità. Huma li sena wara l-oħra jinġabru fil-knejjes mal-familji u ma' qrabathom jitolbu liċ-ċkejken Bambin jagħtihom sabar u paċi, għandhom quddiemhom dmir li ma kien qatt kbir daqs f'dawn iż-żmenijiet. It-tama għandha għeruq qawwija fi qlubhom u xħin iqumu minn għarkubbtejhom, mad-daqq mimli ħlewwa tal-qniepen li jħabbru s-sena l-ġdida, jibdew mill-ewwel jaħsbu f'uċuh aħjar, tempijiet aktar ħanina u prodotti bix-xaba'.

Is-sena li għaddiet ma kienetx tajba wisq mal-ħaddiema ta' l-art. Wara l-maltempijiet li għamlu, qabel ma din is-sena kienet bdiet, kien hemm nuqqas ta' ilma u nixfa kbira għal tul ta' bosta xhur. Il-mard ħuq it-tjur għamel tiegħu u ħafna mill-frottijiet waqgħu u nħarqu taħt il-qilla tax-xemx.

Iżda dawn l-għeltijiet ma jeqirdux ir-rieda qawwija li hija magħġuna f'demm il-bidwi. **Huwa jaf li l-ebda sena ma kienet tixbah lill-oħra u għalhekk dejjem għex bit-tama li fuqu ġejjin żmenijiet aħjar. Jerġa' jitfa taħt l-art dawk iż-żrieragħ li jistgħu jagħtuh il-ħena; jerġa' jrabbi dawk it-tjur u bhejjem li jgħinuh fit-triq tal-ħajja u jikseb dak li tilef meta d-destin wera ruħu miegħu aħrax.**

Fil-waqt li aħna nagħtu sliema u hena lill-bdiewa kollha, ningħaqdu magħhom fil-ħniena tas-Sultan ta' kollox li bil-barka Tiegħu nroddu ħajr għal kull ma jista' jiġi fuqna fis-sena l-ġdida, li ma' tulha nittamaw ġid u risq.

## XEWQAT TAJBA GHAS-SENA 1953

**L-Onorevoli Dr. Carmelo Caruana, B.A., LL.D., Ministru tal-Posta u Biedja flimkien mas-Sur Robert Bonnici Enriquez, Aġent Direttur tal-Biedja, jixtiequ jwasslu lill-bdiewa kollha, il-ġardinara u lil dawk kollha li jrabbu t-tjur u l-bhejjem jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħidma tal-biedja, l-isbaħ xewqat għal sena ġdida mimlija risq u ġid, sena ta' barka, sena ta' progress u merħba.**

## "SLIEM GHALIK!"

**"Int ja bidwi, li taħdem l-għelieqi u ddemmilhom, u tiżragħhom: b'ħidmietek il-qamħ jinbet mill-art; ix-xagħri jiġi mibdul f'uċuh iħaddru; inti tikseb l-ikel għall-bniedem li huwa laħam. Huwa b'riħet il-ħidma tiegħek li l-bniedem jista' jgħix fid-dinja. Ġieh jingħata lilek, ja bidwi!"**

— JOSEPH ROUX.

## BIXXU L-UĊUH TAL-PATATA

**Kunu għaqlin u tħallux li għal ftit soldi titilfu l-wiċċ tal-patata. Ħarsuha mill-marda tal-ġlata billi tbixxuha bil-mistura Burduliża jew bil-Perenox. Isimgħu t-twissijiet tagħna f'ġieħ l-interessi tal-familji tagħkom u ta' pajjiżkom.**

# Id-Dinja Teħtieġ Ikel Aktar

**DHALNA f'sena ġdida li minnha nistennew faraġ akbar minn dak li tatna s-sena li għadha kemm lietna. Kemm hija sabiħa t-tama li f'qalb il-ħaddiema ta' l-art għandha għeruq wisq aktar qaw milli għandha f'qalb kull maħluq ieħor. Il-bdiewa jgħaddu ħajjithom kollha f'baħar ta' mistennija, għ l-għajxien tagħhom huwa mibni fuq il-ħniena ta' l-elementi. Il-maħluqin jinsabu b'ħarsithom fuq ulied li dawn iridu jaħdmu dik l-art ħanina li trodd fil-wisa' lil dawk kollha li jżiegħlu biha fil-ħidma tagħ**

L-art hija l-omm ta' kollox. L-ikel u l-ħtiġiet tal-ħajja jridu jiġu minnha. L-għajxien tal-maħluqin irid jiġi minn taħt dik il-ħamrija mqallba u maħduma minn dawk l-ulied bieżla, imgħawġa bil-ħidma u maħruqin bix-xemx. Dawk l-ulied felħana li minn qabel ma jisbaħ sa wara li jidlam issibhom fiha, jagħżqu, inaddfu, jiżirgħu, jaħsdu u jidirsu. Imbiegħda minn kulħadd ħlief minn ma' wliedhom li magħhom jaqsmu l-ferħ u d-dwejjaq ta' l-uċuħ sakemm jasal fil-għaxija u ħlimkien jinġabru fi djarhom, jiftaħru jew igergru bejniethom dwar il-qagħda li tkun messithom. Il-bhejjem li jgħinuhom fil-kisba tal-għajxien, malli jarawhom, jifirħu bihom daqs nieshom.

Il-btajjel igħadduhom fil-misraħ tar-raħal jitkellmu ,jiftakru u jfakkru, dwar l-akbar snin għammiela li għaddew minn fuqhom jew dwar il-mistennija ta' dak li tefgħu taħt l-art.

Il-knisja u t-twemmin imqaddes huma s-serħan ta' qlubhom. Imkien ma huwa meqjum b'akbar għożża t-tagħlim li tana Missierna San Pawl aktar minn f'qalb dawn l-ulied ħabrieka.

*Id-dinja teħtieġ ikel aktar u dana l-ikel jeħtieġ jiġi minn dik l-art, li bħala omm twajba nsibuha dejjem lesta sabiex ixxabba' bl-għelejjel lil dawk li jmellsuha bil-għodod tal-biedja.*

Irid ikun l-bidwi sabiex il-maħluqin jiġu meħlusa mit-theddida ta' nuqqas ta' ikel li qiegħda tbeżża' lid-dinja. Għalkemm fid-dlam ta' l-imgħoddi l-bidwi kien għaref fil-ħidma tiegħu u dejjem, tajjeb jew ħażin, ġabar mill-art l-għelejjel li sata' u rawwem mill-aħjar bhejjem. *Il-bidwi tal-lum minbarra t-tagħrf li ħallewlu missirijietu għandu l-għajnuna tal-kuri li nstabu f'dawn l-aħħar snin li flimkien mal-makni tal-biedja li bihom ikun jista' jirnexxi aktar fil-ħidma ta' l-art biex jikseb uċuħ aħjar u jrabbi bhejjem aktar bla mittiefsa mill-mard u mid-dwied.*

It-tul taż-żmenijiet ma jibdlu qatt dak li huwa minnu u magħruf minn kulħadd .Sa żewġ sekli ilu ftit kien
il-M ltin li jgħixu fl-ibliet u daw
beltin aktarx li kienu jiksbu w
għajxien tagħhom mill-ħidma tal-
li kien hemm fil-qrib jew inkella r
jew qliegħ li jsru minn fuq il-bedj
ifisser li l-ġens Malti kollu aktarx l
du jiġri f'ġismu dak id-demm tal-l
mdorri jgħix ħieles u li jġegħilna
fuq tagħna, nitqabdu u nissieltu b
ma' dawk kollha li jheddulna l-ħe

*Huwa ġieh kbir li għandna jiġ*
*simna d-demm ta' dawk il-missriji*
*sa li ġew imfaħħra bosta drabi m*
*tieba li kitbu dwarhom u dan*
*imisshom ikunu mkabbra bih akta*
*kulħadd ulied l-art li għadhom im*
*mal-għelieqi tagħhom minkejja kull*
*u ħajja ta' xalar li jaraw fl-ibliet.*

Id-daqqa ta' ħarta li ħadet il-bie
seklu XIX u fil-bidu tas-seklu XX
riesqa lejn it-tmiem tagħha. Id-dinj
ha qiegħda tħoss il-ħtieġa li tkabba
lejjel aktar il-għaliex l-ebda art ma
tkun f'sikkitha u f'saħħitha jekk
jkollhiex biedja mibinja fuq sisien
wija.

Malta hija art ċkejkna li għalkemm
tistax titma' lill-maħluqin kollha li
xu fuqha, tista' tagħti sehem sabiħ
raba' tagħha *maħdum bis-sengħa bil-*
*dod u kuri li sabet ix-xjenza.* Mhux
li huwa ta' ġid li nkomplu naħdmu l-
lieqi li għandna iżda jkun ta' riżq
għal artna jekk nagħmlu ħilitna biex
dak ir-raba' li għandna nibdlu
f'għammieli l-mogħxa li hawn f'ħ
bnadi u li jinsab nieqes minn kull ħi
mimli blat għeri, mingħajr siġar u m
bil-għatx taħt il-qilla tax-xemx.

*Hidma bħal din tagħmel ġid lill-*
*jer tagħna u tkun ta' għajnuna kbi*
*dawk l-ulied l-art li bagħu mw*
*mar-raba' tagħhom issa li fuq ix-*
*qiegħed jidher dawl li jista' jibdli*
*ħajjithom f'sebħ li ilhom ma jgħixu*
*is-snin il-kbar.*

---

META lill-fniek tħallihom min
ilma mhux biss li tkun qiegħed tw
krudeltà magħhom iżda l-fenka tista
kol il-boton li jkollha fil-bejta.

IS-SIGAR huma l-għana tal-pajj
jiħtieġu ħafna xogħol u spejjeż bie
kabbru u jinżammu f'waqthom.
mingħajr siġar iġiblek ħasra.

TEQRIDX is-sagħtar li huwa l-i
aktar bnin biex in-naħal jagħmel
sel minnu.

IN-NIFEL huwa l-għalf l-aktar s
zjuż għall-bhejjem, tjur u fniek.

ID-DEMEL tal-ħaxix huwa s-sus
naturali tal-pjanti. Min irid jaf kif
mel dan id-demel jista' jiġi fil-Kam
l-Informazzjoni tad-Dipartiment tal-
ja u nagħtuh tagħrif stampat.





**Il-famuża makna tal-ħlib "SIMPLEX"**

**Użata mill-Gvern fl-Għammieri, Marsa. Tiffrankalek il-ħin u x-xogħol, tħarislek il-bhejjem mit-tniġġis, iżżommlok l-akbar indafa fil-ħlib, sempliċi biex tħaddimha u tinġarr bil-ħeffa minn post għal ieħor. — Tajba għal baqar u mogħoż. — Taħli inqas minn pinta petrol kull siegħa**

Aġent: **V.R. RIZZO, 20, Carmel Street, San Ġiljan.**

Tel. Sliema 634.

**GĦALL-BIEDJA U ĠONNA**

**Imqassijiet u għodod tal-Ġonna u tar-raba'; Pompi famużi tal-bexx; Mediċini kontra l-mard u dwied, nemel, buħarrat, bumelliesa, bebbux u bugħarwien; Raffja u spag aħdar għar-rbit tal-pjanti u għat-tilqim; Marelli tal-ħajt għall-insib; Tikketti li ma jispiċċawx. Kull ma jinħtieġlek għall-ġnien jew raba' tinqeda mill-aħjar jekk tmur:—**

**MALTA SEEDS LTD.**
**VILLA CHELSEA,**
**16, Triq il-Knisja l-Qadima,**
**Birkirkara.**

**ĦANUT GĦAR-RABA' u ĠONNA**
**FUQ IL-PARAPETT tat-Teatru Rjal,**
**South Street — Valletta,**
**(quddiem tal-bicycles).**

